KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

***Minuti tal-Laqgħa Numru 48 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 2014 fil- 5.30 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Michelle Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**48/01 Talba**

48/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-5.43 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**48/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 47/06 u l-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'.**

48/02/01 Is-Sindku talab li l-Minuti 47/03 jiġu emendati kif ġej:-

48/02/02 Emenda biex f'Minuta 47/03/01 **wara il-kliem** 'toħroġ din is-sejħa' **jiżdiedu** 'mingħajr aktar dewmien'.
Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

48/02/03 Emenda biex Minuta 47/03/13 tinbidel u tiġi taqra hekk:- 'Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema għadhom pendenti. Is-Sindku spjega li sadanittant ser tinġieb kjarifika dwar il-pagi tal-EO u ta' l-iskrivana peress li jidher li dawn meta bdew jaħdmu mal-Kunsill ma tħallsux fuq l-ewwel notch tal-iskala imma tħallsu fuq it-tielet notch. Meta kienu ġew impjegati dawn il-ħaddiem il-Kunsill kien iddeċieda li dawn jibdew mill-ewwel notch skont kif jitolbu l-linji gwida tal-PAHRO klawsola 2.2.1.1 – Pay on Appointment. Is-SE infurmat li hija qeda tistenna risposta mid-DGL.'
Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

48/02/04 Emenda biex Minuta 47/06/01 tinbidel u tiġi taqra hekk:- 'Ġie ippreżentat l-*Performance Appraisal Report* tas-SE u inqara r-rapport kollhu inkluż il-kummenti tas-SE. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DGL sabiex is-SE tingħata *Performance bonus* ta' 5%.' Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-*Performance Appraisal Report* lid-DGL.'
Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

48/02/05 Emenda minuta 47/06/02 tibidel u tiġi taqra hekk:- 'Is-SE ppreparat il-*Performance Appraisal reports* tal-EO u tal-iskrivana. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw *performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-SE.'
Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

48/02/06 Il-Viċi Sindku talab li l-Minuta 47/09/01 tiġi emendata **biex wara il-kelma** '*binjiet*' **jiżdiedu l-kliem** 'Ġie nnotat li talba simili kienet tressqet mill-Viċi Sindku fl-laqgħa preċedenti tal-Ħames Kunsill Lokali liema talba kienet ġiet approvata. Il-Kunsill unanimament approva dan ix-xogħol. Is-SE ghandha tieħu ħsieb tiġbor l-istimi.'
Din l-emenda ġiet approvata unanimament.

48/02/07 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati kif emendati u ffirmati l-Minuti tal-Laqgħa 47/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 47/06.

48/02/08 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita'. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita'.

**48/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 47 u tal-Laqgha tal-Lokalita'**

48/03/01 **Para 47/02/03**:- Is-SE infurmat li *l-binding* tal-Minuti tas-Sena 2013 għadu ma sarx.

48/03/02 **Para 47/03/01**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-SE talbet sabiex tiġi ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-*lifter* u d-DGL talab sabiex jiġi ippreżentat estratt mill-Minuti tal-Kunsill fejn juri li din is-sejħa qed issir b'urġenza. Dan peress li ingħata żmien iqsar minn xahar sabiex jiġu sottomessi l-offerti. Dan l-estratt ser jintbagħat lid-DGL fil-jiem li ġejjin kif ukoll ser jiġi iffinalizzat id-dokument tat-*tender*. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE tiżgura li jsir dak kollhu li hu meħtieġ ħalli ma jintilfux il-fondi li l-Kunsill ser jingħata għal dan l-għan.

48/03/03 **Para 47/03/02**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat li qed tistenna li tirċievi l-qari tal-meters tad-dawl u tal-ilma kif ukoll evidenza li inħarġet polza tas-sigurta' skont il-ftehim. Is-SE infurmat ukoll li għad trid toħroġ il-pagament lid-Dipartiment tal-Artijiet li jkopri s-sehem tagħhom mill-kera li inġabret. Is-Sindku ikkonferma li kif joħroġ dan il-pagament hu ser jibgħatu flimkien mal-kopji tal-ftehim lid-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll jibgħat kopja oħra tal-ftehim lid-DGL. Il-Kunsill ħeggeg lis-SE sabiex dan il-pagament jinħareg kemm jista' jkun malajr.

48/03/04 **Para 47/03/03**:- **Ġnien il-Paċi** – Is-SE infurmat li flimkien mas-Sindku ser tmur l-MEPA sabiex jiffirmaw emenda għall-ftehim tal-UIF meta ukoll ser jiġbru l-pagament li jkopri s-sehem tal-MEPA. Kif jinġabar dan il-pagament ikun jista' jsir il-ġlas lill-kuntrattur.

48/03/05 **Para 47/03/04**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Grech għadu ma bgħatx l-aħħar kont filwaqt li l-*Paying Agency* talbu *update* dwar id-*disbursements* matul din is-sena u dwar id-data għat-tlestija ta' dan il-proġett. Is-SE intalbet tkompli issegwi u tibgħat id-dokumentazzjoni meħtiega lill-Paying Agency. Is-SE infurmat li s-sejħa għax-xiri tal-bankijiet u *bins* u l-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works* għadhom pendenti. Is-SE qed tistenna ukoll mingħand il-kuntrattur sabiex jġib kampjun tal-ġebla tal-pavimentar. Is-SE intalbet tfittex tlesti dawn il-pendenzi.

48/03/06 **Para 47/03/05**:- **Triq San Gwann**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li t-Transport Malta bgħatet rapprezentant sabiex jara x'hemm bżonn isir fi Triq San Ġwann, fi Triq il-Ġnien u f'postijiet siti oħra f'Ħal Għargħur skont it-talba tal-Kunsill. Issa ser nistennew li nirċievu mingħand TM.

48/03/07 **Para 47/03/08**:- **Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

pagament għadu ma wasalx mingħand *Green MT* u hija bgħatet *reminders.* Is-Sindku reġa ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart imħallat se jagħlaq f'Marzu 2014. Huwa talab lis-SE sabiex tfittex toħroġ is-sejħa għall-offerti immedjatament.

48/03/08 **Para 47/03/09**:- **Triq Indipendenza** ***:*** Is-SE infurmat li fil-jiem li ġejjin ser tintbagħat *reminder* lil TM dwar din it-Triq.

48/03/09 **Para 47/03/10**:- ***Euro Clean:*** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-kuntrattur dwar id-*diesel.*

48/03/10 **Para 47/03/12:- Festival tal-Ħalib 2014** – Is-SE infurmat li għandna ma rċievejnix risposta il-Gvern. Kemm il-Kunsillier Christopher Fenech u kif ukoll hi kienu tkellmu ma rappreżentant tas-Segretarjat tal-Ambjent sabiex jaraw jekk din is-sena l-Gvern hux ser jipparteċipa u jiffinanzja parti mill-ispiża sabiex isir dan il-festival. Is-Sindku informa li hu ġie mistieden sabiex jattendi laqgħa li matulha ser isir preżentazzjoni tal-fondi għall-organizzazzjoni ta'attivitajiet fl-lokalitajiet. Ġie miftiehem li issir laqgħa ma dan ir-rappreżentant meta inkunu nafu kemm ser ningħataw fondi mid-DGL.

48/03/11 **Para 47/03/13:- Kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema*:*** Is-SE infurmat li l-Kuntratti tax-Xogħol tal-ħaddiema jiġu iffirmati hekk kif tirċievi direzzjoni mill-PAHRO rigward l-klawsola *tat-term of notice.* Hija nfurmat li l-ħaddiema ingħatalhom *draft copy* u l-kuntratt ġie spjegat. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema ġibdu l-attenzjoni li huma qiegħdin jaħdmu 40 siegħa mifruxa mit-Tnejn sas-Sibt meta r-regolamenti tad-DGL jistipulaw li l-40 siegħa suppost ikunu mifruxa min-Tnejn sal-Ġimgħa. Il-Kunsill innota li l-impjegati qiegħdin jaħdmu skont kif kienu avżati waqt l-interview u huma aċċettaw l-impjieg mal-Kunsill meta kienu jafu li l-40 siegħa xogħol ser ikunu mifruxa mit-Tnejn sas-Sibt. Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill unanimament iddeċieda li jitlob lill-ħaddiema jissottomettu t-talbiet kollha tagħhom dwar il-Kuntratt tax-Xogħol bil-għan li dawn jingħataw l-attenzjoni li hemm bżonn ħalli ma jkunx hemm aktar dewmien fl-iffirmar tal-Kuntratti tax-xogħol li issa ilhom pendenti għal diversi xhur. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li jekk l-ħaddiema ser jibdew jaħdmu 40 siegħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa jirrevedi il-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju sabiex ir-residenti jingħataw servizz aħjar.

48/03/12 **Para 47/03/15:-** Is-SE infurmat li għad trid isegwi l-gwidi tal-*Paying Agency* rigward it-tabella meħtieġa għall-Ġnien il-Ponta u toħroġ il-*works order*.

48/03/13 **Para 47/03/16**:- **Laqgħa mal-Ministru tat-Trasport**. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mal-Kunsillier Christopher Fenech u s-SE attendew laqgħa mal-Onor Joe Mizzi. F'din il-laqgħa l-Ministru ikkonferma li r-rotot il-ġodda tat-trasport pubbliku għal Ħal Għargħur ser ikunu eżatt kif kienu qabel ma daħal is-servizz tal-Arriva. Fil-laqgħa ġew diskussi ukoll xi proġetti fosthom il-bini ta' *culvert* fi Triq San Ġwann ħalli jinġabar l-ilma tax-xita, l-pavimentar ta' Triq Mons Luiġi Catania u l-aċċess għar-raħal minn Triq il-Ġnien. Ġie deċiż li dwar dawn il-proġetti issir laqgħħ oħra aktar il-quddiem.
Sadanittant il-Kunsill innota li skont informazzjoni li ħarget minn TM, ir-rotot proposti l-ġodda mhux veru huma skont kif kienu qabel ma daħal is-servizz tal-Arriva. Il-Kunsill unanimament qabel li jikteb lill-TM u lill-Onor Ministru. Il-Kunsill diġa irċieva diversi ilmenti specjalment minn residenti li joqgħodu fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki li jidher li mhux ser ikollhom aktar servizz dirett lejn Mater Dei u l-Belt Valletta.

48/03/14 **Para 46/07/10:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li d-DGL approva l-estenzjoni għar-

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt

*reimbursement* tal-fondi tal-*Live Streaming.* Sadanittant hija ħarġet is-sejħa tal-*Live Streaming* u għal-ġbir tal-iskart goff. Dawn is-sejħiet ser jagħlqu nhar it-28 ta' Frar 2014 f'nofsinhar.

48/03/15 **Para 47/06/01:- Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati Klerikali**: Is-SE infurmat li għad trid tibgħat il-*Performance Appraisal Report* u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill rigward il-ħlas tal-*Performance Bonus* lid-Direttur tal-DGL għall-approvazzjoni.

48/03/16 **Para 47/07/02**:- **Żbir tas-siġar fi Ġnien il-Paċi** – Il-Kunsillier Fenech informa li hu iltaqgha mar-rapprezentant tal-ELC sabiex jiddiskutu dan ix-xogħol. Sadanittant il-Kap tal-Iskola Primarja qalet li ser tikteb sabiex tinżabar is-siġra tal-Palm li qed twaqqa' l-frieghi fi Ġnien il-Paċi. Is-SE intalbet isegwi dan ix-xogħol.

48/03/17 **Para 47/07/03:- Suġġeriment 18114033204397** - Talba għal-*traffic hump* fi Triq il-Ġnien. Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-sid ma xtaqx li l-*hump* issir quddiem il-bieb tiegħu. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li l-*hump* teħel meta jinstab resident li jaċċetta li l-*hump* teħel quddiem id-dar tiegħu.

48/03/18 **Para 47 07/04:- - Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-TM sabiex issir *traffic hump* fi Triq il-Kbira.

48/03/19 **Para 47/08/18**:- Is-SE ippreżentat l-istima tal-*Contract Manager* sabiex teħel bozza ġdida fi Triq Sta Marija taż-Żellieqa. Il-Kunsill unanimament aċċetta din l-istima u s-SE intalbet sabiex toħroġ il-*works order*.

48/03/20 **Para 47/07/06**:- – Is-Sindku informa li s-sid tal-garaxx li quddiem sar il-*yellow line* fi Triq Ferdinand kienet tablet li linji simili isiru ukoll quddiem garaxxijiet oħra fl-istess triq. Il-Kunsill innota li quddiem il-garaxxijiet l-oħra qatt ma daħlu ilmenti li jsir ipparkjar ta' vetturi li jostakolaw il-mixi tat-traffiku u allura ma hemmx ġustifikazzjoni għalfejn għandha ssir *linja* safra. Il-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba.

48/03/21 **Para 47/08/11:–** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-MEPA sabiex jagħtu spjegazzjoni għalfejn qed tintbgħat din l-*invoice* tal- *HPU Monitoring*.

48/03/22 **Para 47/08/16:-** Is-SE infurmat li ser tieħu ħsieb timla il-kwestjonarju tal-*iState of the Heritage* għas-sena 2013.

48/03/23 **Para 47/08/22:-** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu attenda l-Konferenza tal-Aħbarijiet li saret dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali. Hu spjega li fil-jiem li ġejjin ser isiru laqgħat ta' diskussjoni dwar il-*white paper* li nhieda l-Gvern.

48/03/24 **Para 47/09/01:-** Is-SE infurmat li ser tiġbor stima mingħand B Grima & Sons sabiex isiru dawn il-plakek.

48/03/25 **Para 47/09/02 Attivita' tal-Unur Excelsior.** Il-Kunsill unanimament approva li jsir kunċert f'din l-okkazzjoni u sabiex niksbu aktar dettalji ġie deċiz li ssir laqgħa mal-President tas-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew. Is-SE ser tieħu ħsieb tikkordina din il-laqgħa. Il-Kunsill iddiskuta xi suġġerimenti dwar l-għoti tal-unur *Excelsior*. Ġie deċiż li dan is-suġġett jiġi diskuss aktar fid-dettal fil-laqgħat li ġejjin.

48/03/26 Il-Kunsill iddiskuta s-suġġerimenti u t-talbiet li tressqu waqt il-Laqgħa tal-Lokalita'. Ġie innotat li diġa ittieħed azzjoni fuq dawn u bħala Kunsill konna qedin insegwu mad-DGL jew l-Awtoritajiet konċernati. Ġie unanimament deċiż li nkomplu nsegwu.

48/04 **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

48/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa kif ukoll ġew approvati li jitħallsu ukoll dawn il-pagamenti tal-*Euro Clean* għax-xahar ta' Novembru 2013 il-Kunsill unanimament qabel li jitnaqqsu 5% mit-talba skont kif kien ġie approvat mill-Kunsill f'laqgħa preċedenti. Rigward il-kont mingħand *D. Consulta Ltd* il-Kunsill innota li dan ikopri ħlas għal servizz li talbet is-SE dwar xogħol fuq is-salarji u li ma kienx approvat mill-Kunsill u ta' provizzjoni ta' Ċertifikat dwar *Measure 125* liema ċertifikat intalab mill-Kunsill. Ġie unanimament deċiż li għalissa dan il-kont ma jitħallasx u li s-Sindku u s-SE jagħmlu laqgħa ma *D. Consulta Ltd* wara li s-SE tkun rat x'jgħid eżatt il-kuntratt. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash.*

**48/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

48/05/01 **Talba 18114019205344** Talba biex fi triq Għaxqet l-Għajn tittieħed miżura għaliex il-karozzi qegħdin jgħaddu b' veloċita` qawwija avolja hemm it-*traffic humps*. Il-Kunsill innota li fi Triq Għaxqet l-Għajn diġa weħlu *traffic humps* skont ma kien approvat mit - Transport Malta (TM). Il-Kunsill unanimament qabel li ladarba l-karrozzi mhux qed jagħtu kaz dawn il-*humps* u xorta waħda jibqgħu isuqu b'velo1ita' qawwija ma hemm xejn aktar x'jista' jsir pero ser jitlob lill-Gwardjani sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

48/05/02 **Talba 18114031205382** Suġġeriment biex fi Triq il-Kbira, quddiem il-bieb ta' dar isir *double yellow line* għaliex il-karozzi qegħdin jipparkjaw quddiem il-bieb u r-residenti tad-dar mhux qed ikunu jistgħu jidħlu ġewwa. Il-Kunsill ma jaqbilx li jsiru dawn il-marki għaliex inkella jitnaqqas il-ftit spazju li hemm għall-ipparkjar tal-vetturi. Il-Kunsill unanimament qabel li jissuġġerixxi lis-sid ir-residenza sabiex jibni l-*front garden* tiegħu ħalli wara l-Kunsill ikun wara jista' jibni l-bankina u din il-problema tissolva.

48/05/03 **Talba 18114069205421** Talba biex il-kaxxa s-safra ta' quddiem il-garaxx ta' dar fi Triq Caravaggio tibda minn metru l-boghħod mill-koxxa tal-garaxx. Il-Kunsill innota li din it-talba diġa intlaqet u l-linji tal-kaxxa diġa ġew imtawwla.

48/05/04 Talba sabiex il-*yellow line* fi Triq Ferdinand jitkompla quddiem 3 garaxxijiet oħra. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba – ara deċizjoni aktar qabel.

48/05/05 Talba sabiex jitneħħa *bus stop* minn quddiem garaxx ta' blokka ta appartamenti fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill innota li quddiem dan il-garaxx ma jkunx hemm vetturi ipparkjati għaliex hu garaxx li fih diversi spazji għall-ipparkjar ta vetturi ta diversi residenti. Il-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħa dan il-*bus stop* għaliex dan qed jaqdi n-nies tal-inħawi kif ukoll jekk jitressaq il-*bus stop* jintilfu aktar spazji għall-ipparkjar tal-vetturi.

48/05/06 Ilment li *bowsers* qed ibattlu d-drenaġġ b'mod abbusiv f'*manhole* fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill innota li dan l-ilment diġa ġie mgħoddi lill-Pulizija kif ukoll lill-WSC.

48/05/07 Il-Kunsillier Vincent Galea issuġġerixxa li waħda mis-siġar li tpoġġew fil-pjazza titressaq peress li rċieva ilment li din qeda iddejjaq lis-sid ir-residenza. Il-Kunsillier Muscat informa li hu kien staqsa lir-residenta dwar din is-siġra u din kienet ikkonfermat miegħu li hi ma għandha l-ebda oġġezzjoni għal din is-siġra. Il-Kunsillier Galea spejga li l-ilment lilu wasallu mingħand terza persuna u mhux mingħand is-sid tad-dar. Ġie unanimament deċiż li nerġgħu nsaqsu lis-sid tad-dar dwar din is-siġra u jekk tgħidilna li qeda iddejjaqha s-siġra titneħħa.

48/05/08 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jitnaddfu l-*culverts* li hemm fi Triq Fidel Zarb li jibqgħu sejrin sal-Pjazza tad-Dejma. Is-SE ser isegwi dan ix-xogħol.

48/05/09 Il-Kunsillier Muscat issuggerixxa li jitnaddef sew il-pont ta' Wied id-Dis isir ir-*refreshing* tal-marki tat-traffiku. Is-SE ser isegwi dan ix-xogħol.

**48/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

48/06/01 Korrispondenza dwar ir-Rotot il-ġodda ta' Ħal Għargħur.

48/06/02 Korrispondenza dwar *Vote 16* u l-Ambaxxaturi Lokali. L-Ambaxxatriċi taż-Żgħżagħh is-Sinj Michelle Camilleri infurmat li fil-jiem li ġejjin hi ser tagħlaq 18 il-sena u allura skont ir-regolamenti hi ma tistax tibqa' fil-kariga. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lis-Sinj Camilleri għall-kontribut tagħha u qabel li joħroġ sejħa sabiex żgħażagħ mill-lokalita' jindikaw l-interess tagħhom li jservu bħala Ambaxxatur / Ambaxxattriċi taż-Zgħażagħ fuq il-Kunsill Lokali. Ġie deċiż li l-applikazzjonijiet li nirċievu jinfetħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss u jekk ikun hemm aktar minn applikazzjoni valida waħda jintgħazel iż-żagħżugħ jew żagħżugħha li ismu jitla' bil-polza waqt il-laqgħa stess.

48/06/03 Korrispondenza dwar Taħriġ fil-*Computers* mill-MCA. Din ġiet innotata u l-azzjoni meħtiega ittieħdet.

48/06/04 Korrispondenza mid-DGL dwar Ħaddiema fuq skemi tal-ETC mal-Kunsilli Lokali. Din ġiet innotata.

48/06/05 Korrispondenza dwar Sejhiet ghall-Offerti/Kuntratti Dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq-Memo 34/2013. Filwaqt li din il-korrispondenza ġiet innotata l-Kunsill unanimament qabel li jkompli jamministra din id-delega bħala parti mir-Regjun tat-Tramuntana flimkien mal-Kunsilli l-oħra tar-Reġjun. Għalhekk bħala Kunsill ser nipparteċipaw fis-sejħa li għandu joħroġ ir-Reġjun jekk ikun hemm qbil mal-Kunsilli l-oħra.

48/06/06 Korrispondenza mill-Enemalta dwar Bozoz bil-ħsara ġewwa l-Għarghur. Din ġiet innotata.

48/06/07 Korrispondenza dwar *Live Streaming* mid-DGL. Din ġiet innotata.

48/06/08 Korrispondenza mill-GO dwar Triq Santa Katerina. Din ġiet innotata.

48/06/09 Korrispondenza mit-Transport Malta dwar ir-rotot il-ġodda tat-trasport pubbliku. Din ġiet innotata.Id- deċizjoni aktar qabel tirreferi.

48/06/10 Korrispondenza mill-*Banif Bank* dwar talba għat-twaħħil ta' ATM fejn ġejna infurmati li l-bank mhux interessat li jwaħħal ATM. Din ġiet innotata.

48/06/11 Korrispondenza mill-ETC dwar Skema ta' xogħol fil-Komunita`. Din ġiet innotata.

48/06/12 Memo 4/2014-Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom responsabblita` ta' librerija. Din ġiet innotata.

48/06/13 Korrispondenza mil-Kumitat tismija ta' toroq-Malta. Din ġiet innotata.

48/06/14 Korrispondenza mill-*Majjistral Action Group* dwar Festival li ser jiġi organizzat. Din ġiet innotata.

48/06/15 Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet ġodda. Din ġiet innotata.

48/06/16 Korrispondenza mil-Kappilan Dun Christopher Galea dwar il-purċissjonijiet relatati mal-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill unanimament approva li s-SE toħroġ in-*No Objection.*

48/06/17 Memo 6/2014 dwar il-Ħaddiema tal-IPSL, ex-WSC u tal-iskemi tal-ETC fil-Kunsilli Lokali. Din ġiet innotat u s-SE se tieħu ħsieb tibda tibghat rapport kull xahar dwar ix-xogħol ta' dawn il-ħaddiema ikunu wettqu.

48/06/18 Korrispondenza mid-DGL dwar *Invitation-Launch of Project-"A partnership for Creative Governance"-supported by a grant by Norway under the Norway Grants 2009-2014* ġiet innotata. Is-SE infurmat li ser tattendi din il-*Launch*.

**48/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

48/07/01 Issa li saret il-Laqgħa tal-Lokalita' l-Kunsill qabel li jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2014 li kienu diġa ġew riveduti. Is-SE għandha tieħu ħsieb tipprepara l-*Budget Overview* ħalli dan id-dokument jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss**.**

48/07/02 Il-Kunsill unanimament qabel li jġedded il-kuntratti li għandu mal- ELC u tal-Koptasin Is-SE ser tieħu ħsieb tipprepara l-estenzjonijiet fuq dawn il-kuntratti.

**48/08 Aġġornament**

48/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.32 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 25 ta' Frar 2014, fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **25 ta' Frar 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |